



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2013
COM(2013) 296 final

2013/0157 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza
finanzjarja tal-portijiet**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 181 final}

{SWD(2013) 182 final}

{SWD(2013) 183 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1 Kuntest ġenerali

L-Ewropa hija wieħed mill-aktar reġjuni portwarji densi fid-dinja. Fl-istess ħin, is-settur tal-portijiet huwa ferm eteroġenu u kkaratterizzat minn diversità wiesgħa fit-tipi u fl-organizzazzjoni. Dan ir-Regolament jirrispetta din id-diversità u jippruvax jimponi mudell uniformi għall-portijiet.

Aktar minn 1.200 port marittimu kummerċjali joperaw tul madwar 70.000 kilometru ta' kosta tal-Unjoni. Fl-2011, madwar 3.7 biljun tunnellata ta' merkanzija (aktar minn 60 000 visita ta' bastimenti merkantili fil-portijiet) għaddew mill-portijiet Ewropej.

Għad li l-UE għadha tiddependi ferm fuq il-portijiet tagħha għall-kummerċ mal-bqija tad-dinja, il-portijiet tagħha għandhom rwol importanti wkoll għas-suq intern. Tant hu hekk li t-tbajh fuq distanza qasira jirrappreżenta 60% tat-tunnellati li għaddew mill-portijiet tal-UE. Il-portijiet marittimi huma l-punti l-aktar importanti li jgħaqqdu l-katina tat-trasport intermodali tal-UE li juża tbajh fuq distanza qasira bħala alternattiva għal rotot saturati tat-trasport fuq l-art jew bħala mod li jservi ta' pont maż-żoni periferali jew tal-gżejjer.

Fir-rigward ta' trasport ta' passiġġieri, il-portijiet tal-UE ittrasportaw 385 miljun passiġġier marittimu fl-2011.

L-attivitajiet tal-port jikkontribwixxu direttament għall-impjiegi, l-investment esoġeni u t-tkabbir tal-PDG. Bħalissa hemm 2,200 operatur tal-port li jħaddmu madwar 110,000 ħaddiem tal-port. B'kollox, il-portijiet jirrappreżentaw sa 3 miljun impjieg (dirett u indirett) fit-22 Stat Membru marittimu u huma sors fundamentali ta' dħul fiskali għall-gvernijiet lokali, reġjonali jew nazzjonali.

96% tal-merkanzija kollha u 93% tal-passiġġieri kollha li jgħaddu mill-portijiet tal-UE jużaw it-319-il-port marittimu identifikati fil-proposta tal-Kummissjoni għal-Linji gwida dwar in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport¹.

1.2 Sfidi

Għad li l-bżonn li jiġu żviluppati konnessjonijiet taż-żoni interni huwa identifikat sew bħala sfida importanti u dan diġà huwa indirizzat permezz tal-politika tat-TEN-T, għad hemm sfidi fundamentali oħrajn għall-portijiet tat-TEN-T li mhumiex solvuti. L-ewwel nett, hemm il-fatt li illum il-ġurnata mhux il-portijiet kollha tat-TEN-T qegħdin joffru l-istess servizz ta' livell għoli. It-tieni, il-qafas attwali ta' governanza tal-portijiet mhuwiex dejjem attraenti biżżejjed għall-investituri. B'kollox dan huwa relatat ma' ħames sfidi speċifiċi:

1.2.1 Servizzi u operazzjonijiet portwarji mhux ottimali f'ċerti portijiet marittimi tat-TEN-T

Servizzi portwarji effiċjenti huma kruċjali għall-prestazzjoni tal-portijiet marittimi tat-TEN-T. Flimkien mas-settur, il-Kummissjoni identifikat tliet kwistjonijiet li jistgħu jżommu lis-servizzi portwarji milli jkunu organizzati bl-aħjar mod: (1) ħafna mis-servizzi portwarji huma soġġetti għal pressjoni kompetittiva dgħajfa minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-swieq; (2) monopolistiċi jew oligopolistiċi, għad li jgħustifikati f'għadd ta' sitwazzjonijiet, jistgħu jwasslu għal abbużi tas-suq u (3) f'ċerti portijiet, dawk li jużawhom jiltaqgħu ma' piż amministrattiv żejjed minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni fi ħdan il-portijiet.

¹ COM(2011) 650 finali/2. In-numru finali tal-portijiet tat-TEN-T ser jiddependi fuq l-eżitu tal-proċedura leġislattiva li għaddejja bħalissa.

1.2.2 L-oqfsa ta' governanza tal-portijiet mhumieħ attraenti biżżejjed għall-investimenti fil-portijiet marittimi kollha tat-TEN-T

L-investimenti meħtieġa biex il-kapaċitajiet portwarji jiġu adattati għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu huma possibbli biss f'qafas politiku u regolatorju stabbli li jnaqqas l-inċertezzi ekonomiċi u li jiżgura kundizzjonijiet ekwi. Madankollu, dan ma jidhirx li huwa l-każ fil-portijiet kollha tat-TEN-T. Dan huwa spjegat minn bosta fatturi: a) l-inċertezzi legali maħluqin mir-restrizzjonijiet tas-suq deskritti aktar 'il fuq u b) il-bżonn ta' ppjanar ta' infrastruttura aħjar li jista' jiġi indirizzat permezz ta' regoli aktar stretti tat-TEN-T.

Iżda żewġ kwistjonijiet fundamentali oħrajn jispjegaw din il-klima attwali u ġenerali ta' nuqqas ta' attrazzjoni ta' investiment f'bosta portijiet tat-TEN-T: (4) relazzjonijiet finanzjarji mhux ċari bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet tal-port u l-fornituri ta' servizzi portwarji u (5) l-awtonomija batuta tal-portijiet sabiex jiddefinixxu bidliet infrastrutturali u rabtiet mhux trasparenti mal-ispejjeż relatati mal-aċċess għall-infrastruttura tal-portijiet.

1.3 Għan

L-għan huwa li jingħata kontribuzzjoni għat-tħaddim aktar effiċjenti, interkonness u sostenibbli tat-TEN-T billi jinholq qafas li jtejjeb il-prestazzjoni tal-portijiet kollha u jgħinhom ilaħħqu mal-bidliet fir-reqwiziti ta' trasport u tal-loġistika. Il-portijiet tat-TEN-T iridu jgħinu fl-iżvilupp ta' tbaħħir fuq distanza qasira bħala parti minn rotot intermodali, u b'hekk jikkontribwixxu għat-trasport sostenibbli, li huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-White Paper dwar it-Trasport u jikkontribwixxu għall-Istrateġija tal-UE-2020 għal tkabbir effiċjenti fir-riżorsi li ser jistimola t-tkabbir tal-kummerċ u l-merkanzija.

Din l-inizjattiva tiżgura approċċ bilanċjat bejn l-azzjoni leġislattiva u approċċ ġentili, pereżempju d-Djalogu Soċjali. Dan huwa r-risultat ta' konsultazzjoni intensiva u pertinenti bejn il-partijiet interessati li ppermettiet li r-Regolament ikun iffukat fuq il-miżuri b'valur miżjud għoli tal-UE. Dan ir-Regolament se jevita piż żejjed għal dawk il-portijiet li diġà qed jaħdmu sew u se joħloq il-kundizzjonijiet għall-portijiet l-oħra biex jaħdmu fuq l-isfidi strutturali tagħhom.

1.4 Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħrajn tal-UE

Il-proposta taqbel mal-politika mħabbra mill-Kummissjoni fil-White Paper dwar it-Trasport (2011) u tħabbret b'mod espliċitu taħt l-intestatura ta' Żona Ewropea Unika tat-Trasport u l-aċċess għas-suq għall-portijiet. Il-White Paper tistabbilixxi biċ-ċar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tanalizza r-restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi portwarji u li ssaħħa it-trasparenza fuq il-finanzjament tal-portijiet, billi tiċċara d-destinazzjoni tal-finanzjament pubbliku għall-attivitajiet portwarji differenti, bil-għan li tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-proposta ġiet identifikata wkoll bħala waħda mill-azzjonijiet ewlenin tal-Att dwar is-Suq Uniku II u se tikkontribwixxi sabiex jiġi komplut is-Suq Uniku Ewropew.

Il-proposta ttemm u tissupplimenta politiki jew proposti kurrenti li diġà saru: il-proposti dwar il-linji gwida tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew u l-Faċilità ta' Kollegament tal-Ewropa li tipprovdi qafas biex jappoġġja l-iżvilupp ta' konnessjonijiet taż-żoni interni mal-portijiet, il-proposta għal Direttiva fuq l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni li tapplika għall-kuntratti ta' konċessjoni fil-portijiet u l-ħidma preparatorja fuq inizjattiva Blue Belt li għandha l-għan li tħaffef il-proċeduri doganali applikati għall-prodotti tal-UE trasportati minn bastimenti li jidħlu f'portijiet tal-UE.

Il-proposta tapplika għall-portijiet kollha tat-TEN-T li minħabba n-natura proprja tagħhom ilkoll għandhom rwol importanti fis-sistema Ewropea tat-trasport biex iħaffu l-iskambju bejn l-Istati Membri jew sabiex itejbu l-aċċessibbiltà taż-żoni tal-gżejjer jew dawk periferali. Madankollu, ta' min jisħaq li l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni l-libertà fl-istabbiliment tat-

Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mar-regoli tal-kompetizzjoni japplikaw għall-portijiet l-oħrajn, li għad li mhumiex fin-netwerk trans-Ewropew xorta jista' jkollhom rwol importanti fil-livell lokali jew għal setturi oħrajn minbarra t-trasport, bħas-sajd jew it-turiżmu. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw id-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament propost għal dawn il-portijiet.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1 Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Id-DĠ MOVE żamm djalogu mal-amministrazzjonijiet nazzjonali inkarigati mill-politika tal-portijiet (il-Ministeri tat-Trasport). Saru laqgħat mal-assoċjazzjonijiet ewlenin tal-industrija fis-settur tal-portijiet, fost l-oħrajn: awtoritajiet tal-port (ESPO), operatori privati tat-terminals (FEPORT), portijiet interni (EFIP), sidien ta' bastimenti (ECSA), bdoti (EMPA), sidien u operatori ta' bastimenti tal-irmonk (ETA), operatori ta' dgħajjes tal-irmiġġ (EBA), aġenti ta' bastimenti (ECASBA), spedituri (ESC), operatori ta' dgħajjes tat-tħammil (EuDA) u operatori loġistiċi (CLECAT). Id-DĠ MOVE organizza laqgħat maż-żewġ Unions ewlenin tal-ħaddiema tal-portijiet ukoll, l-International Dockers Council (IDC) u t-taqsima tal-ħaddiema tal-portijiet tal-European Transport Workers Federation (ETF). Ma setax jiġi kkonsultat kumitat ta' djalogu settorjali peress li dan għadu fil-proċess li jitwaqqaf.

Ix-xogħol preparatorju kien appoġġjat minn studju ekonomiku fuq il-kwalità u l-effiċjenza tal-portijiet Ewropej (PwC). Il-ħidma qieset ir-riċerka estensiva fuq l-ekonomiji tat-trasport, il-portijiet u l-loġistika u involviet bosta taħditiet ma' esperti tal-industrija u tar-riċerka.

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati b'mod estensiv permezz ta' żewġ kwestjonarji fuq l-internet u konferenza miftuħa għall-partijiet interessati maqsuma fuq jumejn fi Brussell (25-26 ta' Settembru 2012). Fit-18 ta' Jannar 2013 saret laqgħa pubblika finali, li ppreżentat il-problemi ewlenin u li fiha ġew diskussi l-għażliet politiċi u l-impatti possibbli tagħhom. Ir-riżultati ewlenin tal-proċess ta' konsultazzjoni (2012-2013) jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Il-partijiet interessati kollha saħqu fuq il-bżonn ta' kundizzjonijiet ekwi stabbli u ġusti kemm għall-kompetizzjoni interportwarja (kompetizzjoni bejn il-portijiet) kif ukoll għal dik intraportwarja (kompetizzjoni bejn fornituri tal-istess servizz portwarju ġewwa port) fl-UE. Il-ħtieġa ta' ċertezza legali u ambjent li jiffaċilita n-negozju bl-inqas piż amministrattiv possibbli huwa prijorità għall-partijiet interessati kollha.
- Hemm tħassib kbir fuq il-kompetizzjoni inġusta bejn il-portijiet marbut ma' prattiki ta' finanzjament pubbliku ta' infrastrutturi tal-portijiet. L-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-port jitolbu kontroll strett fuq l-għajjnuna mill-Istat.
- Sehem notevoli mill-utenti tas-servizzi portwarji, il-kumpaniji tat-tbaħħir u l-industriji tal-esportazzjoni-importazzjoni, iqisu li s-servizzi portwarji f'ħafna portijiet tal-UE mhumiex sodisfaċenti f'termini ta' prezz, kwalità u piż amministrattiv.
- 30% tal-awtoritajiet tal-port fl-Ewropa ma jqisux li s-sitwazzjoni attwali hija sodisfaċenti. Madankollu, il-parti l-kbira tagħhom huma kontra l-introduzzjoni ta' proċeduri tal-UE li jillimitaw il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu kuntratti u permessi lill-operatori tas-servizzi portwarji permezz ta' għotja diretta. L-applikazzjoni tar-regoli ta' konċessjoni tal-UE għal ċerti kuntratti mogħtija fil-portijiet hija ferm kontroversjali f'ċerti Stati Membri.

- It-trejdjunjins tal-ħaddiema tal-portijiet huma estremament kontra kwalunkwe dispożizzjoni tal-UE li tmiss ir-reġimi eżistenti tal-ħaddiema tal-portijiet f'ċerti Stati Membri. Ir-rappreżentanti ta' servizzi ta' pilotaġġ jargumentaw li għad li l-pilotaġġ huwa pprovdut bi ħlas, dan mhuwiex servizz ekonomiku u għandu jiġi eskluż minn pressjoni kompetittiva.
- Ħafna mill-partijiet interessati jaqblu li s-sistema tal-portijiet tal-UE trid tevolvi u tadatta għal sfidi importanti f'termini ta' riżorsi skarsi ta' finanzjament, għall-kompetittività fil-konfront ta' portijiet f'pajjiżi terzi ġirien u reġjuni oħrajn tad-dinja, għall-ħolqien ta' valur miżjud u impjiegi kif ukoll biex tilqa' għall-impatti ambjentali. Kollha jaqblu fuq l-importanza li tiġi garantita u, jekk possibbli, tiżdied, in-nefqa tal-UE fuq il-finanzjament biex tappoġġja l-portijiet u t-trasport marittimu.

2.2 Valutazzjoni tal-impatt

Il-Valutazzjoni tal-Impatt identifikat ħames għanijiet operattivi relatati maż-żewġ sfidi ewlenin identifikati hawn fuq.

2.2.1 Modernizzar tas-servizzi u l-operazzjonijiet portwarji:

L-ewwel nett, bit-titjib ulterjuri tas-servizzi u l-operazzjonijiet portwarji, numru ta' portijiet tat-TEN-T għandhom ikunu kapaċi jilqgħu jew jattiraw aktar merkanzija u passiġġieri bl-infrastruttura eżistenti. Dan jinvolvi tliet għanijiet operattivi:

- (1) Kjarifika u tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji:

Dan għandu jnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji filwaqt li jiċċara u jeħles mill-inċertezzi legali attwali li ġejjin mir-regoli orizzontali mit-Trattat u fuq l-akkwisti pubbliċi.

- (2) Il-prevenzzjoni tal-abbuż tas-suq mill-fornituri tas-servizzi tal-port magħżulin:

Dan għandu jiżgura li l-fornituri tas-servizzi tal-port magħżulin joffru servizzi kosteffiċjentifilwaqt li jibqgħu jaqdu r-rwol tagħhom u possibbilment il-missjoni tagħhom ta' servizz pubbliku, l-aktar fil-qasam tas-sikurezza, is-sigurtà u l-ambjent.

- (3) Titjib tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ġewwa l-portijiet:

Dan għandu jiffaċilita operat bla xkil għat-trasportatur, għall-operaturi loġistiċi u għas-sidien tal-merkanzija, filwaqt li jnaqqsu l-ħin u l-ispiża meħtieġa għall-użu tal-port. L-isforz tal-koordinazzjoni għandu wkoll jgħin lill-operaturi stabbiliti fil-port, billi jiffaċilita s-sinerġiji u jevita sforzi doppji sabiex jinqdew l-istess klienti.

2.2.2 Ħolqien ta' kundizzjonijiet tal-qafas biex jiġu attirati investimenti fil-portijiet:

It-tieni nett, aktar trasparenza finanzjarja u awtonomija tal-portijiet akbar għandhom joħolqu kundizzjonijiet ekwi, iħeġġu nollijiet aktar effiċjenti, u eventwalment jattiraw investimenti effiċjenti. Min-naħa tiegħu, dan jinvolvi żewġ għanijiet operattivi oħrajn:

- (4) Tisħiħ tat-trasparenza fir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet tal-port u l-fornituri ta' servizzi portwarji:

Dan għandu jiżgura trasparenza finanzjarja bejn il-funzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi u l-operazzjonijiet kummerċjali sabiex jiġi żgurat li l-portijiet u l-fornituri tas-servizzi ma jkollhomx vantaġġi kompetittivi inġusti.

- (5) L-assigurazzjoni li l-imposti tal-infrastruttura tal-port ikunu stabbiliti b'mod awtonomu u trasparenti :

Dan għandu jikseb użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura u atitudni aktar ekonomika fl-ippjanar, l-investiment, il-manutenzjoni, u t-tħaddim tal-infrastrutturi tal-portijiet, filwaqt li jiffaċilita t-twissijiet tal-impatt ambjentali u fuq il-prezzijiet.

Fuq il-bażi ta' dan, ġew ikkunsidrati 4 għażliet politiċi:

(1) Pakkett tal-Politika 1: “Trasparenza”

Il-Pakkett tal-Politika 1 (PP1) japplika miżura ħafifa (komunikazzjoni li ma torbotx legalment) biex jiċċara u jħaffef l-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji. Madankollu jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jorbtu f'sitwazzjonijiet monopolistiċi jew oligopolistiċi: f'dawk il-każijiet is-servizzi għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni tal-prezzijiet sabiex jiġu evitati nollijiet eċċessivi jew diskriminatorji. Il-finanzjament u l-iffissar ta' nollijiet tal-portijiet jitħallew f'idejn l-awtoritajiet kompetenti bil-kundizzjoni ta' trasparenza bażika. Il-koordinazzjoni tas-servizzi għewwa l-port hija garantita minn kumitat ta' dawk li jużaw il-port.

(2) Pakkett tal-Politika 2: “Kompetizzjoni rregolata”

Il-Pakkett tal-Politika 2 (PP2) jintroduċi l-prinċipju ta' libertà ta' forniment tas-servizzi skont skema ta' aċċess għas-suq irregolat. B'dan l-aċċess għas-suq irregolat, il-libertà ta' forniment tas-servizzi tista' tiġi ristretta jekk din tkun garantita min-nuqqas ta' spazju fiż-żona tal-port jew minħabba obbligi tas-servizz pubbliku (disponibbiltà, aċċessibbiltà, eċċ). F'każijiet bħal dawn, is-servizzi attribwiti ġodda u speċjalizzati jsiru soġġetti għal proċedura tal-offerti pubbliċi u fil-każ ta' operazzjonijiet interni, is-servizz irid jibqa' ristrett hemm. Servizzi f'sitwazzjoni monopolistika jew oligopolistika huma soġġetti għal superviżjoni tal-prezzijiet. It-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet tal-portijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-portijiet tintwera b'kontijiet separati u r-regoli jorbtu l-iffissar tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet mal-ispejjeż propji. Il-koordinazzjoni tas-servizzi għewwa l-port hija ffaċilitata minn kumitat ta' dawk li jużaw il-portijiet.

(3) Pakkett tal-Politika 2a: “Kompetizzjoni u awtonomija tal-port irregolati”

Il-Pakkett tal-Politika 2a (PP2a) jikkonsisti f'PP2 bid-differenzi li ġejjin:

L-obbligu li jintużaw offerti pubbliċi f'każ ta' restrizzjonijiet ta' spazju jew obbligi ta' servizz pubbliku ma japplikax biss għal kuntratti ġodda iżda anki fil-każ ta' bidliet sostanzjali fil-kuntratti eżistenti. Is-sorvejanza regolatorja tal-fornituri tas-servizzi f'pożizzjoni ta' monopolju hija aktar limitata fil-kamp ta' applikazzjoni: tapplika biss għas-swieq li ma jistgħux jiġu kkontestati, jiġifieri s-swieq li għalihom ma tkunx organizzata offerta pubblika. Tingħata awtonomija ikbar lill-portijiet: fuq in-nollijiet tal-infrastruttura, minflok ma jiġi impost li n-nollijiet ikunu marbutin mal-ispejjeż propji, kull port jingħata d-dritt li jistabbilixxi l-istruttura u l-livell tal-ħlasijiet dovuti tal-port, diment li l-politika dwar in-nollijiet tibqa' trasparenti. L-inizjattiva tħeġġeġ ukoll li ssir distinzjoni skont il-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti.

(4) Pakkett tal-Politika 3: “Kompetizzjoni u awtonomija tal-port sħaħ”

Il-Pakkett tal-Politika 3 (PP3) jibni fuq PP2a billi jeħtieġ ukoll li tal-inqas żewġ operatori indipendenti u f'kompetizzjoni għal kull servizz portwarji meta n-numru ta' operatori jkun limitat minħabba limitazzjoni ta' spazju. Ikun hemm ukoll separazzjoni funzjonali/legali. Din is-separazzjoni tirriżulta f'multiplikazzjoni tal-atturi tal-port: biex jiġi żgurat li l-port jibqa' jaħdem, ikun hemm bżonn li jissaħħaħ ir-rwol ċentrali ta' koordinazzjoni tal-awtoritajiet tal-port. Bħal f'PP2a kull awtorità tal-port tkun ħielsa li tiddetermina l-istruttura u l-livell ta' bidliet fl-infrastruttura skont il-prattiki kummerċjali tagħha stess.

Wara li analizzat l-għażliet differenti u l-impatt potenzjali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-aħjar għażla għandha tkun PP2a b'varjant għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u passiġġieri. Fir-rigward tal-miżuri relatati mal-aċċess tas-suq għal tagħbija u ħaħ ta'

merkanzija, u servizzi tal-passiġġieri, m'hemmx b'żonn li tipproponi dispożizzjonijiet legali ġodda. Ir-regoli u r-rekwiżiti eżistenti se jiġu ċċarati f'Komunikazzjoni. Madankollu, ir-regoli dwar is-sorveljanza regolatorja tal-prezz tal-fornituri tas-servizzi f'pożizzjoni monopolistika jew oligopolistika u dwar it-trasparenza tal-kontijiet ikunu japplikaw għas-servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u passiġġieri.

Il-valutazzjoni tal-impatt tixħet dawl fuq il-benefiċċji potenzjali f'termini ta' ffrankar tal-ispejjeż (EUR 10 biljun sal-2030), l-iżvilupp ta' tbaħħir fuq distanza qasira u t-tnaqqis tal-konġestjoni fit-toroq u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-valutazzjoni tal-impatt tindika li din il-proposta ma twassalx għal bidliet notevoli diretti fuq il-piż amministrattiv fil-portijiet. L-introduzzjoni tal-libertà fil-forniment ta' servizzi ser tnaqqas il-kost amministrattiv għall-portijiet, filwaqt li s-superviżjoni tal-prezzijiet f'ċerti każijiet u l-konsultazzjoni tal-utenti jistgħu jeħtieġu sforzi amministrattivi ġodda. Madankollu għandu jiġi enfasizzat li din il-proposta se tikkontribwixxi indirettament għas-simplifikazzjoni billi tneħħi r-restrizzjonijiet. Ser jiġu proposti sforzi oħrajn ta' simplifikazzjoni fl-inizjattiva li ġejja dwar il-Blue Belt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1 Sommarju tal-miżuri proposti

Il-proposta fiha l-elementi ewlenin li ġejjin:

- Ir-Regolament japplika għall-portijiet kollha marittimi identifikati fil-proposta tal-Kummissjoni għal Linji Gwida tal-Unjoni dwar in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.
- Il-libertà ta' forniment tas-servizzi se tapplika għas-servizzi portwarji. Madankollu l-entitajiet tal-ġestjoni tal-port tista' timponi rekwiżiti minimi dwar il-fornituri ta' servizzi tal-port speċifiċi. Meta jkunu imposti, dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu marbuta biss ma' kwalifiki professjonali, l-apparat neċessarju jew is-sikurezza marittima, mas-sikurezza u s-sigurtà ġenerali fil-port u r-rekwiżiti ambjentali rilevanti. Dan ma għandux ikun mod biex jiddaħħlu b'mod impliċitu ostakli għas-suq, u għalhekk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u proporzjonati biex jiżguraw trattament ġust għall-operaturi kollha, kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk potenzjali. Operaturi potenzjali għandu jkollhom aċċess għal taħriġ biex jinkisbu l-għarfien lokali u speċifiku rilevanti.
- Id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq mhix se tkun imposta fuq is-servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u t-terminals tal-passiġġieri. Dawn is-servizzi spiss huma organizzati permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva futura dwar l-ġħoti ta' kuntratti ta' konċessjoni proposta mill-Kummissjoni². Barra minn hekk, dispożizzjonijiet legali addizzjonali jistgħu jfixxlu l-isforzi li qed isiru biex jinbeda Djalogu Soċjali fil-livell tal-Unjoni. Għall-kuntrarju tas-servizzi ta' pilotaġġ għad-dħul u l-ħruġ mill-portijiet, is-servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar miftuħ ma għandhomx rwol dirett fl-effiċjenza tal-port, u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.
- Fejn ikun applikabbli, il-libertà ddikjarata għall-forniment tas-servizzi tista' tkun soġġetta għal limitazzjoni tan-numru ta' fornituri tas-servizzi. Din ir-restrizzjoni għandha tkun imsejsa fuq żewġ elementi: jew fil-każ ta' spazju jew riservazzjoni kostretti li jekk ikunu dokumentati b'mod ċar fi pjan ta' żvilupp tal-portijiet formali

² COM (2011)897 finali

jistgħu jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-għadd ta' operaturi attivi fil-perimetru tal-port jew fil-każ ta' obbligu tas-servizz pubbliku impost fuq l-operatur u li għalih l-intenzjoni għandha tkun ċara u disponibbli pubblikament.

- Stat Membru għandu jkollu l-possibbiltà li jaħtar awtoritajiet kompetenti biex jimponu l-obbligu tas-servizz pubbliku, b'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat. L-obbligi tas-servizzi pubbliċi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar u trasparenti, ma jkunux diskriminatorji iżda verifikabbli u għandhom jirrelataw mad-disponibbiltà (no-interruption), l-aċċessibbiltà (għall-utenti kollha) jew l-affordabbiltà (ta' ċerti kategoriji ta' utenti) tas-servizz tal-port.
- Fil-każ ta' obbligi ta' servizz pubbliku li jiġu imposti minn awtorità kompetenti f'port jew f'diversi portijiet tali awtorità se jkollha l-opportunità li torganizza u tisfrutta kummerċjalment servizzi speċifiċi tal-port innifsu bil-kundizzjoni li l-attività tibqa' marbuta mal-port jew portijiet fejn hija timponi l-obbligi ta' servizz pubbliku.
- Id-drittijiet tal-impjegati għandhom jiġu salvagwardjati u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jkomplu jsaħħu dawn id-drittijiet f'każ ta' trasferiment ta' impriżi u l-persunal rilevanti li kien jaħdem għall-impriża l-antika.
- F'dawk il-każijiet li fihom l-entitajiet tal-ġestjoni tal-port jibbenefikaw minn fondi pubbliċi, għandu jkun hemm kontijiet trasparenti li juru l-użu effettiv u xieraq ta' dawn il-fondi pubbliċi.
- F'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet maħtura ma kinux soġġetti għal proċedura ta' sejħa għall-offerti pubblika miftuħa u fil-każ ta' operaturi interni, għandu jiġi żgurat li l-prezz għas-servizz ikun trasparenti, mhux diskriminatorju u stabbilit skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq, b'mod partikolari b'tali mod li l-ispejjeż totali ma jaqbżux it-total tal-ispejjeż imġarrba u li l-profit ikun raġonevoli.
- L-entitajiet tal-ġestjoni tal-port għandhom jiddefinixxu l-imposti tal-infrastruttura tal-port b'mod awtonomu u skont l-istrateġija tal-investment u kummerċjali tagħhom stess.
- In-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-użu regolari tal-port, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, tat-tbaħħir fuq distanza qasira jew tal-prestazzjoni ambjentali għolja, l-effiċjenza enerġetika jew l-effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport.
- Se jiġi stabbilit kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port. Dan il-kumitat se jiġbor fih rappreżentanti ta' operaturi ta' bastimenti, sidien ta' merkanzija jew utenti oħrajn tal-port li huma mitluba jħallsu imposta għall-infrastruttura tal-port jew noll għas-servizz tal-port. Dan il-Kumitat għandu jkun ikkonsultat dwar l-istruttura u l-livell tal-imposti tal-infrastruttura tal-port u f'ċerti każijiet in-nollijiet tas-servizzi tal-port.
- L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati bħall-impriżi stabbiliti fil-portijiet, il-fornituri ta' servizzi tal-port, u l-utenti tal-port, dwar kwistjonijiet bħall-koordinazzjoni ta' servizzi portwarji, konnessjonijiet interni tal-pajjiż jew proċeduri amministrattivi.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li korp ta' superviżjoni indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jista' jkun korp diġa eżistenti. Id-diversi entitajiet ta' superviżjoni nazzjonali indipendenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni dwar xogħlhom u l-prinċipji tat-teħid tad-deċiżjonijiet u

għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-iskop ta' assistenza reċiproka fil-ħidmiet tagħhom.

3.2 Bażi legali

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 100 (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3.3 Il-prinċipju ta' sussidjarjetà

L-Artikoli 58, 90 u 100 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jestendu għall-portijiet l-għanijiet ta' suq intern ġenwin fil-kuntest tal-Politika Komuni tat-Trasport.

Il-parti l-kbira tas-sehem tal-kummerċ fuq il-baħar imwettaq mill-portijiet tat-TEN-T isir bejn l-Istati Membri jew fil-livell internazzjonali. Il-portijiet għandhom funzjoni Ewropea ċara. Bejn wiehded u ieħor wiehded minn kull żewġ tunnelli ta' volum ta' merkanzija mmaniġġjata fil-portijiet bil-baħar jew bl-art, tkun ġejja minn, jew sejra fi Stat Membru differenti minn dak tal-port li fih tinġarr il-merkanzija³. Azzjonijiet mill-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fi ħdan is-suq intern tal-UE, u lanqas ma jistgħu jieħdu azzjonijiet biex itejbu l-prestazzjoni tal-portijiet li jinsabu fl-istess kuritur trans-Ewropew iżda fi Stati Membri oħrajn.

B'hekk, minkejja li hija rikonoxxuta l-għamla speċifika tas-settur tal-portijiet u l-istorja u l-kultura lokali dejjiema tiegħu, minħabba raġunijiet tas-suq intern, l-effetti tan-netwerk u d-dimensjoni internazzjonali tas-settur tal-portijiet, l-inizjattiva proposta hija konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

3.4 Il-prinċipju ta' proporzjonalità

Ir-Regolament ikopri biss il-portijiet marittimi tat-TEN-T. Dan ser jiżgura proporzjonalità peress li ser jevita l-impożizzjoni ta' regoli żejda fuq portijiet żgħar ħafna li ma għandhomx rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport. Għall-kuntrarju, il-portijiet marittimi tat-TEN-T jindirizzaw il-maġġoranza kbira tat-traffiku u f'dan is-sens huma essenzjali għall-iskambji kummerċjali internazzjonali u intra-Ewropej, u b'hekk għas-suq intern Ewropew, u/jew il-koeżjoni fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, il-portijiet tat-TEN-T huma eliġibbli għal finanzjament tal-UE.

Il-kamp ta' applikazzjoni ma kompliex jiġi limitat għall-portijiet ewlenin sabiex ma jkunx hemm ir-riskju li tinholq distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-portijiet ewlenin u portijiet oħrajn tat-TEN-T. Barra minn hekk, tħaddim effiċjenti tan-netwerk jeħtieġ kemm portijiet ewlenin (tipikament iservu ta' hubs) kif ukoll portijiet mhux ewlenin tat-TEN-T għad-distribuzzjoni reġjonali.

3.5 L-għażla tal-istrument

Filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi reġjonali, lokali u tal-Istati Membri kienu tradizzjonalment l-atturi ewlenin involuti fl-iżvilupp u l-ġestjoni tal-infrastruttura tat-trasport, din is-sitwazzjoni qed tinbidel maż-żmien. L-operaturi tat-trasport, korpi u entitajiet pubbliċi awtonomi u entitajiet privati u pubbliċi oħra wkoll saru atturi ewlenin fl-iżvilupp, il-ġestjoni u l-organizzazzjoni tal-port. Għalhekk, huwa importanti li jkun żgurat li l-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess tas-suq għas-servizzi tal-port u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet tkun ġeneralment applikabbli. Barra minn hekk, biex jiġu żgurati implimentazzjoni uniformi, infurzar u kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, il-leġiżlazzjoni għandha tkun torbot fl-intier tagħha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għażlet Regolament bħala l-istrument legali xieraq għal din il-

³ Brizultat tal-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-kummerċ bejn Stat Membru u pajjiż mhux membru tal-UE permezz ta' Stat Membru ieħor.

proposta. Dan għandu wkoll jevita piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

3.6 Iż-Żona Ekonomika Ewropea

Ir-Regolament propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u b'hekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att legiſlattiv intbaġħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni⁵,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

- (1) L-integrazzjoni sħiħa tal-portijiet fi ktajjen tat-trasport u loġistiċi fit-totalità tagħhom hija meħtieġa biex tikkontribwixxi għal tkabbir kif ukoll użu u funzjonament aktar effiċjenti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u s-suq intern. Dan jeħtieġ servizzi portwarji moderni li jikkontribwixxu għal użu effiċjenti tal-portijiet u klima favorevoli għall-investimenti biex jiġu żviluppati l-portijiet b'konformità mar-rekwiżiti attwali u tal-ġejjieni fit-trasport u l-loġistika.
- (2) Fil-Komunikazzjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku II Flimkien għal tkabbir ġdid⁶, il-Kummissjoni fakkret li l-attraenza tat-trasport marittimu tiddependi fuq id-disponibbiltà, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tas-servizzi portwarji u l-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar it-trasparenza tal-finanzjament pubbliku u n-nollijiet tal-port, l-isforzi ta' simplifikazzjoni amministrattiva fil-portijiet u r-reviżjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-forniment tas-servizzi fil-portijiet.
- (3) It-tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji fil-livell tal-Unjoni u l-introduzzjoni tat-trasparenza finanzjarja u l-awtonomija tal-portijiet marittimi ser itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz ipprovdut lill-utenti tal-port u jikkontribwixxu għal klima aktar favorevoli għall-investimenti fi-portijiet, u b'hekk jgħinu jnaqqsu l-ispejjeż għall-utenti tat-trasport u jikkontribwixxu biex jiġu promossi tbaħħir fuq distanza qasira u integrazzjoni aħjar tat-trasport marittimu mat-trasport bil-ferrovija, fuq il-passaġġi interni u bit-triq.

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ COM(2012) 573 finali (3.10.2012)

- (4) Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi imposta xi regola żejda fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn 0.1% tal-merkanzija totali tal-UE jew in-numru totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet oħrajn ukoll. Servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.
- (5) L-għan tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa li jelimina r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' forniment tas-servizzi fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 58 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dak l-għan għandu jinkiseb fi ħdan il-qafas tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu relatat mat-trasport, b'mod aktar speċifiku l-Artikolu 100 (2).
- (6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk, jidher li hu xieraq li f'dan l-istadju din il-kwistjoni ma tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni.
- (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, u fuq it-tagħmir meħtieġ diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u rilevanti għall-forniment tas-servizz portwarju.
- (8) Il-fornitur tas-servizz portwarju, sabiex ikollu t-tagħmir meħtieġ għad-dispożizzjoni tiegħu, għandu jkun is-sid ta' dak it-tagħmir jew inkella għandu jkun qiegħed għandu b'kiri, u fi kwalunkwe każ għandu jkollu kontroll dirett u indiskutibbli fuq l-istess tagħmir sabiex ikun jista' jużah kull meta jiġi bżonnu.
- (9) Il-proċedura biex jingħata d-dritt li jiġu pprovduti servizzi portwarji meta tkun meħtieġa konformità mar-rekwiżiti minimi għandha tkun trasparenti, oġġettiva u nondiskriminatorja u għandha tippermetti li l-fornituri tas-servizzi portwarji jibdw jipprovdu s-servizzi portwarji tagħhom fil-ħin.
- (10) Billi l-portijiet huma magħmula minn żoni ġeografiċi limitati, l-aċċess għas-suq jista', f'ċerti każijiet, ikun suġġett għal limitazzjonijiet relatati mal-iskarsezza tal-art jew f'każ li l-art hija riservata għal ċertu tip ta' attivitajiet bi pjan ta' żvilupp formali li jippjana b'mod trasparenti tal-użu tal-art u skont leġislazzjoni nazzjonali rilevanti bħal dawk relatati mal-għanijiet tal-ippjanar tal-bliet u l-kampanja.

- (11) Kwalunkwe intenzjoni li jiġi limitat in-numru ta' fornituri tas-servizzi portwarji għandha tiġi ppubblikata minn qabel mill-awtorità kompetenti u għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ, sabiex il-partijiet interessati jingħataw l-opportunità li jikkummentaw. Il-kriterji għal kwalunkwe limitazzjoni għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.
- (12) Sabiex tkun miftuħa u trasparenti, il-proċedura biex jingħażlu l-fornituri tas-servizzi portwarji u r-risultati tagħha għandha tkunu ppubblikata u d-dokumentazzjoni sħiħa għandha tiġi kkomunikata lill-partijiet interessati.
- (13) Il-proċedura tal-għażla għall-fornituri ta' servizzi tal-port f'każ li l-għadd ta' daww il-fornituri huwa limitat, għanda ssegwi l-prinċipji u l-approċċ stabbilit fid-Direttiva.../... [konċessjoni]⁷, inkluż il-limitu u l-metodu għad-determinazzjoni tal-valur tal-kuntratti kif ukoll id-definizzjoni ta' modifiki sostanzjali u l-elementi relatati għat-tul tal-kuntratt.
- (14) Ir-rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jwassal għal limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat biss għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti.
- (15) Fejn ikun hemm il-ħtieġa li jiġi limitat l-għadd ta' fornituri ta' servizzi portwarji, id-deċiżjoni dwar din il-limitazzjoni tista' tiġi fdata mill-Istat Membru lil awtorità differenti. Kull limitazzjoni fl-għadd ta' fornituri ta' servizzi tal-portijiet għandha ssegwi proċedura li tkun miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja. Dan madankollu m'għandux ikun il-każ meta obbligi ta' servizz pubbliku ikunu fdati direttament lil awtorità kompetenti jew operatur intern.
- (16) Dan ir-Regolament ma jipprekludix il-possibbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jagħtu kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku sakemm dan jikkonforma mar-regoli applikabbli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Meta l-obbligi ta' servizz pubbliku jikkwalifikaw bħala SGEI għandha tiġi żgurata l-konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku mogħti lil ċerti imrpizi fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali⁸, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajjnuna de minimis mogħtija lil imrpizi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali⁹ u l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku¹⁰.
- (17) Il-korp maniġerjali tal-port ma għandux jiddiskrimina bejn il-fornituri tas-servizzi portwarji, b'mod partikolari favur imrpiza jew korp li għandu interess fih(a).
- (18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedi li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw direttament lil operatur intern bil-forniment ta' daww is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi nnifsha, dan jista' jkopri

⁷ Proposta għal Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (COM 2011) 897 finali

⁸ ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3.

⁹ ĠU L 114, 26.4.2012, p.8.

¹⁰ ĠU L 8, 11.01.2012

l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura daww l-operaturi interni. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni mill-korp ta' sorveljanza indipendenti.

- (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdha servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju jista' jinkludi bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji¹¹.
- (20) F'ħafna portijiet, l-aċċess għas-suq għall-fornituri ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tat-terminals tal-passiġġieri jingħata permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni pubblika. Dan it-tip ta' kuntratti se jiġu koperti mid-Direttiva.../... [konċessjonijiet]. Konsegwentement, il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tal-passiġġieri, iżda l-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jiddeċiedu japplikawx ir-regoli ta' dan il-Kapitolu għal dawn iż-żewġ servizzi. Għal tipi oħra ta' kuntratti użati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jingħata l-aċċess għas-suq għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u terminals tal-passiġġieri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti huma suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni meta jiġu konklużi dawn il-kuntratti. Dawn il-prinċipji huma applikabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-forniment ta' xi servizz portwarju.
- (21) Ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn il-portijiet marittimi li jirċievu fondi pubbliċi u l-fornituri tas-servizzi portwarji min-naħa, u l-awtoritajiet pubbliċi min-naħa l-oħra għandhom isiru trasparenti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u biex tiġi evitata distorsjoni tas-suq. F'dan ir-rigward, dan ir-Regolament jestendi, għal kategoriji oħrajn ta' destinatari, il-prinċipji ta' trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji kif stipulati fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti imprizi¹² mingħajr ħsara għall-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.
- (22) Hemm bżonn li fuq il-korp maniġerjali tal-port li jirċievi fondi pubbliċi, meta dan ikun qiegħed jaġixxi wkoll bħala fornitur tas-servizz, jiġi impost obbligu li jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet imwettqa fil-kapaċità tiegħu bħala korp maniġerjali tal-port minn daww imwettqa fuq bażi kompetittiva biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, trasparenza fl-allokazzjoni u l-użu ta' fondi pubbliċi u sabiex tiġi evitata distorsjoni

¹¹ ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

¹² ĠU L 318, 17.11.2006, p.17.

tas-suq. Fi kwalunkwe każ għandha tkun żgurata l-konformità mar-regoli tal-ġajnuna mill-Istat.

- (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju oġġettiv ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira tar-Regolament. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq rilevanti u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.
- (24) Biex ikunu effiċjenti, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ta' kull port individwali għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u awtonomu skont l-istrategġija kummerjali u tal-investimenti tal-port stess.
- (25) Il-varjazzjoni tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandha tkun permessa sabiex tippromwovi t-tbajhir fuq distanza qasira u jiġu attirati bastimenti tat-trasport fuq l-ilma bi prestazzjoni ambjentali jew effiċjenza enerġetika u tal-karbonju tal-operazzjonijiet tat-trasport, b'mod partikolari operazzjonijiet tat-trasport marittimu lil hinn mill-kosta jew fuq l-art, li tkun aħjar mill-medja. Din ser tgħin fil-kontribuzzjoni tal-politiki ambjentali u tat-tibdil tal-klima u fl-iżvilupp sostenibbli tal-port u tal-inħawi tiegħu billi b'mod partikolari bil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-bastimenti tat-trasport bl-ilma li jidħlu u jibqgħu fil-port.
- (26) Għandu jkun hemm fis-seħħ faċilitajiet adegwati biex jiġi żgurat li dawk li jużaw il-portijiet u li jintalbu jħallu noll tal-infrastruttura ta' port u/jew noll tas-servizz portwarju jiġu kkonsultati b'mod regolari meta n-noll tal-infrastruttura tal-port u n-noll tas-servizz portwarju jiġu ddefiniti u jinbidlu. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet għandhom ukoll jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati l-oħra dwar kwistjonijiet ewlenin relatati l-iżvilupp sod tal-port, il-prestazzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu biex jattira u jiġġenera attivitajiet ekonomiċi bħall-koordinazzjoni ta' servizzi tal-port ġewwa ż-żona tal-port u l-effiċjenza tal-konnessjonijiet mal-pajjiż u l-proċeduri amministrattivi fil-portijiet.
- (27) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u effettiva ta' dan ir-Regolament, f'kull Stat Membru għandu jitwaqqaf korp ta' sorveljanza indipendenti, li jista' jkun korp li diġà jeżisti.
- (28) Il-korpi superviżorji indipendenti differenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u jikkooperaw sabiex jiżguraw l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament.
- (29) Biex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali, tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbajhir fuq distanza qasira, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni tan-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti

ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

- (30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹³.
- (31) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, speċjalment li jiġi żgurat l-immodernizzar tas-servizzi portwarji u l-qafas xieraq biex jiġu attirati investimenti neċessarji fil-portijiet kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-dimensjoni Ewropea, in-natura internazzjonali u transkonfinali tal-kummerċ tal-portijiet u tal-kummerċ marittimu relatat u b'hekk, minħabba l-bżonn ta' kundizzjonijiet ekwi Ewropej, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jikseb dawk l-għanijiet.
- (32) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

¹³ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

KAPITOLU I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:
 - (a) qafas ċar għal aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji;
 - (b) regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja u n-nollijiet li għandhom jiġu applikati minn korpi tal-ġestjoni jew fornituri ta' servizzi portwarji.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet.
 - (a) bunkering
 - (b) immaniġġjar tal-merkanzija;
 - (c) tħammil;
 - (d) irmiġġ;
 - (e) servizzi tal-passiġġieri;
 - (f) faċilitajiet ta' lqugħ fil-port;
 - (g) pilotaġġ u;
 - (h) rmonk.
3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T].
4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll dan ir-Regolament għal portijiet marittimi oħrajn. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet marittimi oħrajn, għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'din id-deċizzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

1. "bunkering" tfisser il-forniment ta' fjuwil solidu, likwidu jew gassuż jew xi sors tal-enerġija ieħor użat għall-propulsjoni tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma kif ukoll għal forniment ġenerali jew speċifiku ta' enerġija abbord il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma filwaqt li jkun irmiġġat;
2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jgħorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew transitu ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal rilevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, iżda esklużi l-ħżin fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata;

3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli;
4. "faċilità essenzjali tal-port" tfisser faċilità li l-aċċess għaliha huwa indispensabbli biex jitwettaq servizz portwarju u li ma tistax tiġi replikata f'kundizzjonijiet normali tas-suq;
5. "korp maniġerjali tal-port" tfisser kull korp pubbliku jew privat, kemm jekk flimkien ma' attivitajiet oħrajn jew le, għandu l-oġettiv tiegħu skont il-liġi jew l-istrumenti nazzjonali u l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-port, it-traffiku tal-port, il-koordinazzjoni u, fejn xieraq, il-kontroll tal-attivitajiet tal-operaturi preżenti fil-port ikkonċernat;
6. "l-irmiġġ" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma jankraw jew inkella jiwahhlu max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess għall-port;
7. "servizzi tal-passiġġieri" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar ta' passiġġieri bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jgħorr u x-xatt u tinkludi wkoll l-ipproċessar ta' dejta personali u t-trasportar tal-passiġġieri fit-terminal rilevanti tal-passiġġieri;
8. "pilotaġġ" tfisser is-servizz ta' gwida ta' bastiment tat-trasport fuq l-ilma minn bdot jew stazzjon ta' pilotaġġ biex ikun jista' jsir dħul jew ħruġ sikur tal-bastiment fl-aċċess mill-passaġġi fuq l-ilma lejn il-port;
9. "noll tal-infrastruttura tal-port" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju dirett jew indirett tal-korp maniġerjali tal-port u mħallsa mill-operaturi tal-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw il-faċilitajiet u s-servizzi li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess għal dawk il-portijiet, kif ukoll aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija;
10. "faċilità tal-akkoljenza tal-port" tfisser kwalunkwe faċilità, li hija fissa, tifflowtja jew mobbli u kapaċi tirċievi l-iskart iġġenerat mill-bastimenti u mill-fdalijiet tal-merkanzija kif definit fid-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija¹⁴;
11. "noll tas-servizz portwarju" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju tal-fornitur tas-servizzi portwarji u mħallsa mill-utenti tas-servizz rilevanti;
12. "kuntratt ta' servizz portwarju" tfisser ftehim formali u legalment vinkolanti bejn fornitur ta' servizz portwarju u awtorità kompetenti li fih dan il-korp jagħżel fornitur tas-servizz portwarju biex jipprovdi servizzi portwarji wara proċedura ta' limitazzjoni tan-numru ta' fornituri tas-servizzi portwarji;
13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li ttipprovdi, jew li tixtieq ttipprovdi, bi ħlas, waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji elenkati fl-Artikolu 1(2);
14. "obbligu ta' servizz pubbliku" tfisser rekwiżit definit jew determinat sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' dawk is-servizzi portwarji fl-interess ġenerali li operatur, kieku

¹⁴ ĠU L 332, 28.12.2000, p.81-90.

kellu jikkunsidra l-interessi kummerċjali tiegħu stess, ma jipprovdi jew ma jipprovdiomx bl-istess mod jew bl-istess kundizzjonijiet;

15. "tbaħħir fuq distanza qasira" tfisser iċ-ċaqliq ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew bejn daww il-portijiet u l-portijiet li jinsabu f'pajjiżi mhux Ewropej bi xtut fl-ibħra magħluqin fil-fruntieri Ewropej;
16. "port marittimu" tfisser żona ta' art u ilma msawra minn tali xogħlijiet u tagħmir sabiex jippermetti, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri; u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port;
17. "irmonk" tfisser l-assistenza lil bastiment tat-trasport fuq l-ilma permezz ta' irmonkatur biex ikunu jistgħu jsiru d-dħul jew il-ħruġ sikuri mill-port billi tingħata assistenza fl-immanuvrar tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma;
18. "aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn port" tfisser aċċess fuq l-ilma lejn il-port mill-baħar miftuħ, bħal avvċinamenti tal-portijiet, kanali navigabbli, xmajjar, kanali fl-ibħra u fjords.

KAPITOLU II – Aċċess tas-suq

Artikolu 3

Libertà ta' forniment tas-servizzi

1. Il-libertà ta' forniment tas-servizzi f'portijiet marittimi koperti minn dan ir-Regolament għandha tapplika għall-fornituri ta' servizzi portwarji stabbiliti fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.
2. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandu jkollhom aċċess għal faċilitajiet essenzjali tal-portijiet sakemm huwa meħtieġ biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom. It-termini tal-aċċess għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji.

Artikolu 4

Rekwiżiti minimi għall-forniment ta' servizzi portwarji

1. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.
2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati biss:
 - (a) mal-kwalifiki professjonali tal-fornitur tas-servizz portwarji, il-persunal tiegħu jew il-persuni fiżiċi li effettivament u kontinwament ikunu qegħdin jimmaniġġjaw l-attivitajiet tal-fornitur tas-servizz portwarju;
 - (b) mat-tagħmir meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju rilevanti f'kundizzjonijiet normali u sikuri u l-kapaċità li dan it-tagħmir jinżamm fil-livell xieraq;
 - (c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni tiegħu;

- (d) mal-konformità mar-rekwiżiti lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali dwar l-ambjent.
- 3. Ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu trasparenti, nondiskriminatorju, oġġettiv u rilevanti għall-kategorija u n-natura tas-servizzi portwarji kkonċernati.
- 4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port għandu jara li hemm aċċess adegwat għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru.
- 5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-ġħoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont daww ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port sal-1 ta' Lulju 2015 jew għal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha daww ir-rekwiżiti jsiru applikabbli. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura.

Artikolu 5

Proċedura biex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti minimi

- 1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jittratta lis-servizzi portwarji bl-istess mod u għandu jaġixxi b'mod trasparenti.
- 2. L-entità ta' ġestjoni tal-port għandhom jagħtu jew jirrifjutaw id-dritt li jipprovdu servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4 fi żmien xahar minn meta jirċievu talba għall-ġħoti ta' dritt bħal dan. Kwalunkwe rifjut għandu jiġi ġġustifikat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.
- 3. Kwalunkwe limitu fid-durata ta' deċiżjoni maħruġa skont il-paragrafu 2 jista' jkun ġustifikat biss għal raġunijiet relatati mat-tip u n-natura tas-servizz portwarju.

Artikolu 6

Limitazzjonijiet tan-numru ta' fornituri tas-servizzi portwarji

- 1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3, il-korp maniġerjali tal-port jista' jillimita n-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju għal servizz portwarju partikolari għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:
 - (a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità essenzjali tal-port biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju u li l-limitazzjoni hija konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;
 - (b) l-obbligi ta' servizz pubbliku kif stipulati fl-Artikolu 8, sakemm in-nuqqas ta' limitazzjoni jista' jostakola t-tweqqi tal-obbligi assenjati lil fornituri tas-servizzi tal-port.
- 2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jippubblika kwalunkwe proposta biex japplika l-paragrafu 1 tal-inqas sitt xhur qabel flimkien mar-raġunijiet biex jiġġustifikaha, filwaqt li jagħti lil kwalunkwe parti interessata l-opportunità li tikkumenta fi żmien perjodu raġonevoli.

3. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jippubblika d-deċiżjoni adottata.
4. Meta entità tal-ġestjoni ta' port tipprovdi s-servizzi hija stess jew permezz ta' entità distinta legali li tikkontrolla direttament, l-Istat Membru jista' jafda l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' fornituri tas-servizzi portwarji lil awtorità li hija indipendenti mill-entità tal-ġestjoni tal-port. Jekk Stat Membru ma jafda l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' fornituri tas-servizzi portwarji lil awtorità bħal din, l-għadd ta' fornituri għandu jkun anqas minn tnejn.

Article 7

Proċedura għal-limitazzjoni tan-numru ta' fornituri ta' servizz portwarji

1. Kwalunkwe limitazzjoni tan-numru ta' fornituri għal servizz portwarju wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 għandha ssegwi proċedura tal-għażla li tkun miftuħa għall-partijiet interessati kollha, tkun nondiskriminatorja u trasparenti.
2. Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva /.... [konċessjonijiet].
3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva /.... [konċessjonijiet].
4. Il-fornitur jew fornituri magħżulin u l-korp maniġerjali tal-port għandhom jikkonkludu kuntratt dwar servizz portwarju.
5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, modifika sostanzjali skont it-tifsira tad-Direttiva /.... [konċessjonijiet] fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz portwarju matul it-terminu tiegħu għandhom jitqiesu bħala kuntratt ta' servizz portwarju ġdid u b'hekk għandhom jeħtieġu proċedura ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 2.
6. Il-paragrafi minn 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9.
7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva /.... [konċessjonijiet]¹⁵, id-Direttiva /.... [utilitajiet pubbliċi]¹⁶ u d-Direttiva /.... [akkwisti pubbliċi]¹⁷

Article 8

Obbligi ta' servizz pubbliku

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu fuq il-fornituri obbligi ta' servizz pubbliku relatati mas-servizzi portwarji biex jiżguraw li:
 - (a) id-disponibbiltà tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena;
 - (b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha;

¹⁵ Proposta għal Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (COM 2011) 897 finali

¹⁶ Proposta għal Direttiva dwar l-akkwisti minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (COM/2011/0895 finali)

¹⁷ Proposta għal Direttiva dwar l-akkwisti pubbliċi (COM/2011/0896 finali)

- (c) l-affordabbiltà tas-servizz għal ċerti kategoriji ta' utenti.
2. L-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu definiti b'mod ċar, ikunu trasparenti, nondiskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggwarantixxu aċċess indaqs lill-fornituri kollha tas-servizzi portwarji stabbiliti fl-Unjoni.
 3. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-territorju tagħhom biex jimponu daww l-obbligi ta' servizz pubbliku. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jkun l-awtorità kompetenti.
 4. Meta l-awtorità kompetenti maħtura skont il-paragrafu 3 ma tkunx l-istess bħall-korp maniġerjali tal-port, dik l-awtorità kompetenti għandha tuża l-kompetenzi stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 rigward il-limitazzjoni tan-numru ta' fornituri ta' servizzi portwarji abbażi tal-obbligi tas-servizz pubbliku.
 5. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi obbligi ta' servizz pubbliku fil-portijiet marittimi kollha permezz ta' dan ir-Regolament fi Stat Membru, għandha tavża lill-Kummissjoni b'dawn l-obbligi.
 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura għida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9.

Article 9

Operatur intern

1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ttipprovdi hija stess servizz portwarju skont l-obbligi ta' servizz pubbliku jew timponi daww l-obbligi direttament fuq entità legalment separata li fuqha teżerċita kontroll simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament.
2. L-awtorità kompetenti għandha titqies li qiegħda teżerċita kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess biss jekk teżerċita influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali kkontrollata.
3. L-operatur intern għandu jkun limitat li jwettaq is-servizz portwarju assenjat biss fil-port(ijiet) fejn ikun ġie attribwit l-assenjament sabiex jipprovdi dak is-servizz.
4. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapplika l-paragrafu 1 fil-portijiet marittimi kollha li jaqgħu taħt dan ir-Regolament fi Stat Membru, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni.
5. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva[konċessjoni].

Article 10

Ħarsien tad-drittijiet tal-impjegati

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri.

2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.
3. Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji rilevanti, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jittqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.

Article 11

Eżenzjoni

Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħaqq ta' merkanzija u ta' passiġġieri.

KAPITOLU III – Trasparenza finanzjarja u awtonomija

Article 12

Trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji

1. Ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi għandhom jiġu riflessi b'mod trasparenti fil-kontijiet biex jintwerew biċ-ċar dawn li ġejjin:
 - (a) fondi pubbliċi pprovduti direttament mill-awtoritajiet pubbliċi lill-korpi tal-ġestjoni tal-port ikkonċernat;
 - (b) fondi pubbliċi pprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi permezz ta' impriżi pubbliċi jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi; u
 - (c) l-użu li għalih ġew attribwiti dawn il-fondi pubbliċi.
2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdri hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta' kull attività tas-servizz portwarju separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li:
 - (a) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati jew allokat b'mod korrett fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli; u
 - (b) il-prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet li skont dawn jinżammu kontijiet separati jkunu stabbiliti b'mod ċar.
3. Il-fondi pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu kapital azzjonarju jew fondi kważi kapitali, għotjiet mhux rifondibbli, għotjiet rifondibbli biss f'ċerti ċirkustanzi, għoti ta' self inkluż self kurrenti u ħlas bil-quddiem fuq injezzjonijiet kapitali, garanziji mogħtija lill-korp maniġerjali tal-port minn awtoritajiet pubbliċi, dividendi mħallsin u profitti miżmumin jew xi forma oħra ta' appoġġ finanzjarju pubbliku.

4. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jżomm l-informazzjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 17 għal ħames snin minn tmiem is-sena fiskali li għaliha tirreferi l-informazzjoni.
5. Meta jkun mitlub jagħmel dan, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba.
6. Il-korpi ta' ġestjoni tal-port li ma rċievewx fondi pubbliċi fi snin fiskali preċedenti li madankollu jibbew jibbenefikaw minn fondi pubbliċi għandhom japplikaw il-paragrafi 1 u 2 mis-sena fiskali wara dik tat-trasferiment tal-fondi pubbliċi.
7. Meta l-fondi pubbliċi jitħallsu bħala kumpens għal obbligu ta' servizz pubbliku, dawn għandhom jintwerew b'mod separat fil-kontijiet rilevanti u ma jistgħux jiġu trasferiti lil xi servizz ieħor jew attività kummerċjali oħra.

Article 13

Nollijiet tas-servizz portwarju

1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi tal-port, f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji, għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut.
2. Il-ħlas tan-nollijiet tas-servizz portwarju jista' jkun integrat fi ħlasijiet oħrajn, bħall-ħlas tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. F'dan il-każ, il-fornitur tas-servizz portwarju u, fejn xieraq, il-korp maniġerjali tal-port għandhom jaraw li l-ammont tan-noll tas-servizz portwarju jibqa' jingħaraf faċilment minn min juża s-servizz portwarju.
3. Fuq talba, u kif imsemmi fl-Artikolu 17, il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġija użata għall-istabbiliment tan-nollijiet tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li huma relatati magħhom dawn in-nollijiet tas-servizzi portwarji.

Article 14

Nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet

1. Il-korp maniġerjali tal-port għandhom iżommu noll tal-infrastruttura tal-portijiet. Dan ma għandux iżomm lill-fornituri tas-servizzi portwarji li qegħdin jużaw infrastrutturi tal-portijiet milli jżommu noll tas-servizzi portwarji.

2. Il-ħlas tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jista' jkun integrat fi ħlasijiet oħrajn, bħall-ħlas tan-nollijiet tas-servizzi portwarji. F'dan il-każ, il-korp maniġerjali tal-port u għandu jara li l-ammont tan-noll tal-infrastruttura portwarja jibqa' jingħaraf faċilment minn min juża l-infrastruttura tal-port.
3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li jirriflettu l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-ġhajjnuna mill-Istat.
4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbajh fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.
5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet.
6. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jgħarraf lil daww li jużaw il-port u lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġi determinat l-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, inklużi l-ispejjeż u d-dħul totali li jservu ta' bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Għandu jgħarraf lil daww li jużaw l-infrastrutturi tal-portijiet dwar kwalunkwe bidla fl-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jew fl-istruttura jew il-kriterji użati sabiex jiġu determinati daww in-nollijiet tal-inqas tliet xhur minn qabel.
7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti u kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li jservu bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet.

KAPITOLU IV – Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Article 15

Konsultazzjoni ma' daww li jużaw il-portijiet

1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq l-ima, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallu noll għall-infrastruttura u noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-"kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port".

2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jikkonsulta fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-fornituri tas-servizzi potwali għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju.

Article 16

Konsultazzjoni ma' daww li jużaw il-portijiet

1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti li jżommu fil-wiċċ, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej:
 - (a) il-koordinazzjoni xierqa tas-servizzi portwarji fi ħdan iż-żona tal-port;
 - (b) miżuri biex jitjiebu l-konnessjonijiet maż-żoni interni u fejn xieraq, miżuri biex tiġi żviluppata u titjeb l-effiċjenza tal-konnessjonijiet ferrovjarji u fuq l-art mal-passaġġi fuq l-ilma;
 - (c) l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi fil-port u fejn xieraq, miżuri possibbli biex jiġu simplifikati.

Article 17

Korp ta' sorveljanza indipendenti

1. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament dwar it-territorju ta' kull Stat Membru.
2. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprietarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjeda jew dak il-kontroll. Il-korp ta' superviżjoni indipendenti għandu jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod imparzjali u trasparenti u bir-rispett dovut għad-dritt li n-negozju jitwettaq liberament.
3. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jipproċessa l-ilmenti ppreżentati minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu kif ukoll it-tilwimiet imressqa quddiemu li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tilwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsołvi t-tilwima.
5. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu

l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

6. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' joħroġ opinjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
7. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta lill-kumitat konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim.
8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollhom effett vinkolanti, mingħajr ħsara għal analiżi ġuridika.
9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015 u dwar kwalunkwe modifika fiha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha.

Article 18

Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti

1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'network li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-network.
2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettiq ta' dawk ix-xogħlijiet.
4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.
5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-network imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).

Article 19

Appelli

1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, mill-korp maniġerjali tal-port jew mill-korp ta' sorveljanza indipendenti quddiem korp tal-appell li hija indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti.
2. Meta l-korp tal-appell imsemmi fil-paragrafu 1 ma tkunx tat-tip ġudizzjarju, għandhom jingħataw raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjonijiet tiegħu. Id-deċiżjoni tiegħu għandhom ikunu soġġetti wkoll għal reviżjoni minn qorti nazzjonali.

Article 20

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015 u għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kwalunkwe emenda li taffettwahom.

Article 21

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, iżda din hija soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-ġum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Article 22

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Article 23

Rapport

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti.

Article 24

Miżuri tranżitorji

1. Il-kuntratti ta' servizzi portwarji konklużi qabel [id-data tal-adozzjoni tar-Regolament] li kienu mogħtija lil fornituri magħżulin ta' servizzi portwarji abbażi tal-proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jew li huma konformi mar-regoli ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi sakemm jiskadu.
2. Il-kuntratti ta' servizzi portwarji konklużi qabel [id-data tal-adozzjoni tar-Regolament] li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi sakemm jiskadu iżda mhux wara l-1 ta' Lulju 2025

Article 25

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President